SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

7 ta' April 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 132(1)(b) – Eżenzjonijiet favur ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali – Eżenzjoni tal-kura fi sptar u tal-kura medika – Stabbiliment li huwa sptar privat – Stabbiliment debitament irrikonoxxut – Kundizzjonijiet soċjali komparabbli"

Fil-Kawża C-228/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Niedersächsisches Finanzgericht (il-Qorti tal-Finanzi ta' Niedersachsen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Ġunju 2020, fil-proċedura

I GmbH

vs

Finanzamt H,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Ewwel Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, I. Ziemele (Relatriċi), T. von Danwitz, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal I GmbH, minn W. Franz, Rechtsanwalt,

– għall-Finanzamt H, minn K. Hintzelmann, bħala aġent,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u S. Heimerl, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Jokubauskaitė u L. Mantl, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn I GmbH u l-Finanzamt H (l-Uffiċċju tat-Taxxa ta' H, il-Ġermanja) dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tas-servizzi tal-isptarijiet ipprovduti minn I matul is-snin fiskali 2009 sa 2012.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 131 tad-Direttiva dwar il-VAT jikkostitwixxi l-uniku artikolu li jinsab fil-Kapitolu 1, intitolat "Disposizzjonijiet ġenerali", tat-Titolu IX tagħha, intitolat "Eżenzjonijiet". Dan l-artikolu huwa fformulat kif ġej:

"L-eżenzjonijiet ipprovduti fil-Kapitoli 2 sa 9 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijet oħrajn tal-Komunità skond kondizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jistabilixxu għall-finijiet li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' dawk l-eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kawlunkwe evażjoni, evitar jew abbuż possibbli."

4 L-Artikolu 132(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, li jinsab fil-Kapitolu 2, intitolat "Eżenzjonijet għal ċertu attivitajiet fl-interess pubbliku", tal-imsemmi Titolu IX, jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) sptar u kura medika u attivitajiet relatati mill-viċin immexxija minn korpi regolati mid-dritt pubbliku jew, skond kondizzjonijet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għal korpi regolati mid-dritt pubbliku, minn sptarijiet, ċentri għat-trattament mediku jew djanjosi u stabblimenti oħrajn ta' natura simili debitament rikonoxxuti;

[…]"

5 L-Artikolu 133 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri jistagħu jagħmlu l-għoti lil korpi għajr dawk regolati mid-dritt pubbiku ta' kull eżenzjoni pprovduta fil-punti (b), (g), (h), (i), (l), (m) u (n) ta' l-Artikolu 132(1) soġġett għal kull każ individwali għal wieħed jew iżjed mill-kondizzjonijet li ġejjin:

(a) il-korpi in kwistjoni m'għandhomx jimmiraw sistemikament biex jagħmlu profitt, u kwalunkwe ammonti żejda li mandanakollu jirriżultaw m'għandhomx jiġu mqassma, imma għandhom ikunu assenjati għall-kontinwament u għat-titjib tas-servizzi pprovduti;

(b) dawn il-korpi għandhom ikunu mmaniġjati u amministrati fuq bażi essenzjalment volontarja minn persuni li m'għandhomx interess dirett jew indirett, jew huma nfushom jew b'intermedji, fir-riżultati ta' l-attivitajiet ikkonċernati;

(ċ) dawn il-korpi għandhom iżommu prezzijiet approvati mill-awtoritajiet pubbliċi jew li ma jeċċedux it-tali prezzijiet approvati jew, fir-rigward ta' dawk is-servizzi li m'humiex soġġetti għall-approvazzjoni, prezzijiet inqas minn dawk miżmuma għal servizzi simili minn impriżi kummerċjali soġġetti għall-VAT;

(d) l-eżenzjonijiet m'għandhomx joħoolqu l-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni bi żvantaġġ għal impriżi kummerċjali soġġetti għall-VAT.

[…]"

6 L-Artikolu 134 tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi:

"Il-provvista ta' merkanzija jew servizzi m'għandhiex tingħata eżenzjoni, kif previst fil-punti (b), (g), (h), (i), (l), (m) u (n) ta' l-Artikolu 132(1), fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-provvista m'hijiex essenzjali għat-transazzjonijiet eżenti;

(b) fejn l-iskop bażiku tal-provvista hu li tikseb dħul addizzjonali għall-korp in kwistjoni permezz ta' transazzjonijet li huma f'kompetizzjoni diretta ma' dawk ta' impriżi kummerċjali soġġetti għall-VAT."

Id-dritt Ġermaniż

7 Skont il-punt 14 tal-Artikolu 4 tal-Umsatzsteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ), tal-21 ta' Frar 2005 (BGBl. 2005 I, p. 386), fil-verżjoni applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"UStG"), huma eżentati mill-VAT:

"[…]

(b) il-kura fi sptar u dik medika, inkluż id-dijanjosi, l-evalwazzjoni medika, il-prevenzjoni, ir-rijabilitazzjoni, l-ostetrija, is-servizzi ta' ospizju u kura fi tmiem il-ħajja, kif ukoll l-operazzjonijiet relatati mill-qrib magħhom, li jiġu pprovduti minn korpi rregolati mid-dritt pubbliku. Il-benefiċċji msemmija fl-ewwel sentenza huma eżentati wkoll jekk jiġu pprovduti minn:
(aa) sptarijiet approvati fis-sens tal-Artikolu 108 [tal-Ktieb V tas-Sozialgesetzbuch (il-Kodiċi Soċjali)];

[…]

(cc) korpi li ġew inkarigati jipprovdu kura mill-fornituri ta' assigurazzjoni statutorja għall-aċċidenti fis-sens tal-Artikolu 34 [tal-Ktieb VII tal-Kodiċi Soċjali]."

8 L-Artikolu 108, intitolat "Sptarijiet approvati", tal-Ktieb V tal-Kodiċi Soċjali (iktar 'il quddiem is-"SGB V"), jipprovdi:

"Il-fondi ta' assigurazzjoni għas-saħħa jistgħu jipprokuraw kura fl-isptar biss mill-isptarijiet li ġejjin (sptarijiet approvati):

1. [sptarijiet tal-università],

2. sptarijiet li huma inklużi fi pjan tal-isptarijiet fuq livell tal-Land (sptarijiet inklużi fil-pjan), jew

3. sptarijiet li kkonkludew kuntratt għall-provvista ta' kura tas-saħħa mal-Landesverbände der Krankenkassen [(l-assoċjazzjonijiet tal-fondi ta' assigurazzjoni għas-saħħa fil-livell tal-Land)] u l-Verbände der Ersatzkassen [(l-assoċjazzjonijiet tal-fondi sostituti)]."

9 Fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu, l-Artikolu 109 tas-SGB V, intitolat "Konklużjoni ta' kuntratti għall-provvista ta' kura ma' sptarijiet", jipprevedi li:

"[…]

(2) Id-dritt li jiġi konkluż kuntratt għall-provvista ta' kura tas-saħħa imsemmi fl-Artikolu 108(3) tas-SGB V ma japplikax […]

(3) Il-kuntratt għall-provvista ta' kura tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 108(3) tas-SGB V ma għandux jiġi konkluż f'każ fejn l-isptar:

1. ma joffrix garanzija ta' kura fl-isptar effiċjenti u ekonomika,

2. [ma jissodisfax ċerti rekwiżiti ta' kwalità] jew

3. ma huwiex meħtieġ għall-finijiet li tiġi pprovduta kura fl-isptar ibbażata fuq il-bżonn għall-persuni assigurati.

[…]"

10 L-Artikolu 1, intitolat "Prinċipju", tal-Gesetz zur wirtschaftlichen Sicherung der Krankenhäuser und zur Regelung der Krankenhauspflegesätze (Krankenhausfinanzierungsgesetz) (il-Liġi dwar il-Finanzjament tal-Isptarijiet), tal-10 ta' April 1991 (BGB1. 1991 I, p. 886, iktar 'il quddiem il-"KHG"), jipprevedi:

"(1) L-għan ta' din il-Liġi huwa li tipprovdi sikurezza ekonomika għall-isptarijiet sabiex tiġi żgurata lill-poplu kura ta' kwalità għolja, ibbażata fuq il-pazjent u fuq il-bżonn permezz ta' sptarijiet effiċjenti, ta' kwalità għolja, u mħaddma b'mod indipendenti u biex tikkontribwixxi għal spiża tal-kura tas-saħħa li hija soċjalment sostenibbli."

11 L-Artikolu 6, intitolat “Pjan tal-isptarijiet u programmi ta’ investiment”, tal-KHG, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Il-Länder għandhom iħejju pjanijiet tal-isptar u programmi ta’ investiment intiżi li jilħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1; l-ispejjeż marbutin ma’ dawn, b’mod partikolari l-impatt tagħhom fuq l-ispiża għall-kura tas-saħħa, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.”

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija kumpannija li l-għan tagħha huwa l-ippjanar, il-ħolqien u l-operat ta’ sptar li fih huma rrappreżentati l-oqsma kollha tan-newroloġija.

13 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tipprovdi servizzi ta’ sptar fis-sens tad-dritt Ġermaniż u l-operat tagħha huwa awtorizzat mill-Istat. Madankollu, hija ma hijiex integrata fil-pjan tal-ħtiġijiet tal-isptarijiet tal-Land ta’ Niedersachsen u għalhekk ma hijiex stabbiliment li jaqa’ taħt il-pjan tal-isptarijiet fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 108 tas-SGB V. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma hijiex stabbiliment tal-kura kopert minn kuntratt peress li ma kkonkludietx kuntratti għall-provvista ta’ servizzi ta’ kura mal-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 108 tas-SGB V.

14 Il-pazjenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma pazjenti privati, li jħallsu minn buthom għat-trattament tagħhom u li jingħataw aċċess għal dan it-trattament wara li jkunu għamlu ħlas bil-quddiem, pazjenti affiljati ma’ skema ta’ assigurazzjoni għall-mard privata u/jew li huma intitolati għall-Beihilfe (għajnuna mħallsa lill-uffiċjali fil-każ ta’ mard), pazjenti msejħa “konsulari”, li fir-rigward tagħhom l-ambaxxata ta’ Stat barrani toħroġ konferma li ser tassumi responsabbiltà għall-ispejjeż, pazjenti li huma membri tal-forzi armati Ġermaniżi, pazjenti li huma koperti minn organu ta’ previdenza professjonali u pazjenti affiljati mal-iskema ta’ assigurazzjoni għall-mard statutorja. Il-pazjenti affiljati ma skemi ta’ assigurazzjoni għall-mard privati jew statutorji kienu jiġu ttrattati każ b’każ wara konferma li ser tiġi assunta responsabbiltà għall-ispejjeż mid-dipartimenti responsabbli għall-għajnuna mħallsa lill-uffiċjali fil-każ ta’ mard, mill-fondi ta’ assigurazzjoni għall-mard, mill-fondi sostituti jew mill-assigurazzjonijiet privati. Fil-każ tal-pazjenti konsulari, ir-responsabbiltà għall-ispejjeż kienet tittieħed mill-organi soċjali barranin permezz tal-ambaxxati kkonċernati.

15 Inizjalment, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet tiffattura s-servizzi ta’ sptar, il-kura medika, kif ukoll it-tranżazzjonijiet li kienu marbuta mill-qrib magħhom fuq il-bażi ta’ rati fissi għal kull jum ta’ kura, kif hija l-użanza għall-isptarijiet imsemmija fl-Artikolu 108 tas-SGB V, rati li magħhom kienu jiżdiedu l-eventwali supplimenti, meta l-pazjenti kienu rrikoverati fi kmamar individwali jew doppji. Is-servizzi mediċi fakultattivi kienu jiġu ffatturati separatament. Sussegwentement, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ffatturat progressivament id-diversi servizzi tagħha abbażi ta’ rati fissi għal kull grupp ta’ każijiet, skont sistema msejħa “Diagnosis Related Group” (grupp omoġenju ta’ djanjosi). Fl-2011, 15 sa 20 % tal-ġranet ta’ kura fi sptar ġew iffatturati skont din is-sistema.

16 Fit-28 ta’ Ġunju 2012, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkonkludiet kuntratt qafas fis-sens tal-punt 14(b)(cc) tal-Artikolu 4 tal-UStG ma’ fond ta’ assigurazzjoni għal inċidenti, li jaġixxi bħala organu tal-iskema statutorja ta’ assigurazzjoni għal inċidenti, b’effett mill-1 ta’ Lulju 2012.

17 Fid-dikjarazzjonijiet fiskali tagħha dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ għas-snin 2009 sa 2012, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ttrattat is-servizzi ta' sptar iffatturati abbażi ta' rati fissi ta' kura kif ukoll it-tariffi ffatturati lit-tobba li kellhom sodod f'dipartiment tal-isptar bħala tranżazzjonijiet eżentati mit-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ.

18 Fil-kuntest ta' kontroll fiskali mwettaq mill-Finanzamt für Grossbetriebsprüfung H (l-Uffiċċju tat-Taxxa Responsabbli għall-Kontroll tal-Impriżi l-Kbar ta' H, il-Ġermanja) l-uffiċjal li wettqet l-eżami qieset li l-parti l-kbira tas-servizzi tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, imwettqa qabel l-1 ta' Lulju 2012, ma kellhomx jiġu eżentati mill-VAT minħabba li, qabel dik id-data, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kinitx sptar approvat. Din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-Uffiċċju tat-Taxxa permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Settembru 2017.

19 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tqis li dawn is-servizzi huma eżentati mill-VAT skont l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT. Hija ssostni li hija topera sptar awtorizzat u li hija tipprovdi servizzi tal-isptarijiet u terapiji b'mod analogu għal organu rregolat mid-dritt pubbliku. L-attività tagħha hija ta' interess ġenerali. Fil-fatt, minn naħa, hija tipproponi firxa ta' servizzi komparabbli għal dik tal-isptarijiet pubbliċi jew integrati fil-pjan tal-isptarijiet. Min-naħa l-oħra, hija tipprovdi s-servizzi tagħha lil kull persuna, kemm jekk din tkun affiljata ma' skema ta' assigurazzjoni statutorja jew privata, u kemm jekk ma tkunx assigurata. L-ispejjeż relatati mat-terapiji huma fil-parti l-kbira tagħhom imħallsa minn organi tas-sigurtà soċjali, li ma jinkludux biss il-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard statutorji, iżda wkoll il-forzi armati Ġermaniżi, l-organi ta' previdenza professjonali, is-servizzi ta' allokazzjoni tal-għajnuna mħallsa lill-uffiċjali fil-każ ta' mard u l-ambaxxati. Il-pazjenti li l-ispejjeż tagħhom huma b'hekk koperti minn organi tas-sigurtà soċjali kienu jirrappreżentaw rispettivament 33.08 % fl-2009, 34.31 % fl-2010, 38.15 % fl-2011 u 40.30 % fl-2012 tal-ġranet ta' rikoveru fi sptar.

20 Il-qorti tar-rinviju tindika li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni previsti fil-punt 14(b)(aa) tal-Artikolu 4 tal-UStG u li hija tista' tinvoka l-eżenzjoni prevista fil-punt 14(b)(cc) tal-Artikolu 4 tal-UStG b'effett mill-1 ta' Lulju 2012 biss, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt qafas konkluż mal-fond tal-assigurazzjoni għal inċidenti.

21 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, għall-isptarijiet li ma humiex organi rregolati mid-dritt pubbliku, il-punt 14(b)(aa) tal-Artikolu 4 tal-UStG jirriżerva l-eżenzjoni mill-VAT għall-isptarijiet li kienu minn tal-ewwel li ġew integrati fil-pjan tal-isptarijiet u li s-servizzi tagħhom jissodisfaw ħtiġijiet iddefiniti fir-rigward tad-dritt tas-sigurtà soċjali. Konformement mal-Artikolu 108 u mal-punt 3 tal-Artikolu 109(3) tas-SGB V, il-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard jew il-fondi sostituti statutorji jistgħu jikkonkludu kuntratt għall-provvista ta' servizzi ta' kura ma' sptar bil-kundizzjoni biss li dan ikun meħtieġ għal kura fl-isptar adattata għall-ħtiġijiet tal-persuni assigurati. Anki meta sptar ikun integrat fi pjan tal-isptarijiet, l-aspetti ekonomiċi jibqgħu rilevanti peress li, skont l-Artikolu 1 tal-KHG, l-għan ta' din il-liġi tal-aħħar huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' tariffi għall-kura raġonevoli. Għaldaqstant, skont il-qorti tar-rinviju, ebda sptar supplimentari ma jista' jiġi integrat fil-pjan tal-isptarijiet tal-Land tiegħu, u għaldaqstsant lanqas ma jista' jikkonkludi kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi tal-iskema statutorja tal-assigurazzjoni għall-mard meta, fi ħdan dan il-Land, ikun hemm numru suffiċjenti ta' sodod ta' sptar disponibbli għal dixxiplina medika partikolari.

22 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju tqis li s-sistema ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ twassal sabiex servizzi komparabbli jiġu ttrattati b'mod differenti. Il-vantaġġ mogħti lil ċerti sptarijiet meta mqabbla ma' oħrajn huwa bbażat biss fuq il-fatt li dawn l-isptarijiet huma iktar antiki u setgħu kienu l-ewwel li ġew integrati fil-pjan tal-isptarijiet jew li kkonkludew kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura.

23 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, fi ħdan il-ġurisprudenza tal-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), ħarġet tendenza li tqis li l-punt 14 tal-Artikolu 4 tal-UStG ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT minħabba li l-eżenzjoni fiskali tas-servizzi offruti fl-isptarijiet li ma humiex organi rregolati mid-dritt pubbliku hija possibbli biss bil-kundizzjoni li dawn is-servizzi jissodisfaw ħtiġijiet iddefiniti fid-dawl tad-dritt tas-sigurtà soċjali.

24 Sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi ta' kura fi sptar offruti mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u t-tranżazzjonijiet li huma marbuta mill-qrib magħhom ġewx ipprovduti f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk tal-organi rregolati mid-dritt pubbliku fis-sens tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar ir-rilevanza tal-kriterji relatati mal-ġestjoni, mal-istrutturi tal-ispejjeż u mal-prestazzjoni ekonomika tal-istabbiliment inkwistjoni, kif adottati mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi). Hija tqis li l-pożizzjoni li għandha tittieħed għandha tkun iktar mill-perspettiva tal-pazjent.

25 B'mod partikolari, il-kundizzjonijiet soċjali huma komparabbli meta l-ispejjeż tal-maġġoranza tal-pazjenti jitħallsu minn organi tas-sigurtà soċjali. L-ammont tal-ispejjeż netti ta' sptar ma huwiex kriterju xieraq sabiex jiġi stabbilit jekk sptar privat joffrix is-servizzi tiegħu taħt kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk ta' sptar pubbliku, peress li t-tariffi proposti minn sptar privat speċjalizzat huma neċessarjament ogħla minn dawk ta' sptar pubbliku li jipprovdi wkoll numru ta' trattamenti mediċi sempliċi li ma jeħtiġux tagħmir li jiswa ħafna flus.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Niedersächsisches Finanzgericht (il-Qorti tal-Finanzi ta' Niedersachsen, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Il-punt 14(b) tal-Artikolu 4 tal-[UStG] huwa kompatibbli mal-Artikolu 132(1)(b) tad-[Direttiva dwar il-VAT], sa fejn sptarijiet li ma jkunux korpi rregolati mid-dritt pubbliku jikkwalifikaw għal eżenzjoni mit-taxxa bil-kundizzjoni li jkunu approvati fis-sens tal-Artikolu 108 tas-[SGB V]?

(2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv: f'liema kundizzjonijiet hija kura mill-isptar ipprovduta minn sptarijiet rregolati mid-dritt privat mogħtija f'"kondizzjonijet soċjali komparabbli', fis-sens tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, ma' kura mill-isptar ipprovduta minn korpi rregolati mid-dritt pubbliku?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

27 Mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali jipprevedu li sptar li ma huwiex organu rregolat mid-dritt pubbliku jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mill-VAT,

konformement mal-punt 14(b)(aa) tal-Artikolu 4 tal-UStG, jekk dan l-isptar ikollu approvazzjoni fis-sens tal-Artikolu 108 tas-SGB V, jew għaliex ikun integrat fil-pjan tal-isptarijiet ta' Land jew minħabba l-konklużjoni ta' kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti statutorji.

28 Madankollu, il-Gvern Ġermaniż isemmi element komplimentari relatat mad-dritt nazzjonali. Huwa jispeċifika li minn ċirkulari amministrattiva, applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, jirriżulta li anki l-isptarijiet privati li ma humiex approvati fis-sens tal-Artikolu 108 tas-SGB V jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-VAT meta s-servizzi tagħhom jikkorrispondu għas-servizzi pprovduti mill-isptarijiet operati minn organi pubbliċi jew minn sptarijiet approvati fis-sens tal-Artikolu 108 tas-SGB V u meta l-ispejjeż ta' dawn is-servizzi jitħallsu, fil-parti l-kbira tagħhom, mill-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard jew minn organi oħra tas-sigurtà soċjali.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja hija awtorizzata biss li tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni fattwali u legali kif deskritta mill-qorti tar-rinviju, sabiex tagħti lil din tal-aħħar l-elementi utli għas-soluzzjoni tat-tilwima li jkollha quddiemha (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Onofrei, C-218/19, EU:C:2020:1034, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi tal-qorti nazzjonali kif saru u fil-limiti stabbiliti minn din tal-aħħar.

31 Għaldaqstant, l-ewwel domanda għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-punti ta' liġi deskritti mill-qorti tar-rinviju, li tagħmel din id-domanda fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 108 tas-SGB V. Issa, iċ-ċirkulari amministrattiva invokata mill-Gvern Ġermaniż ma tistax iddaħħal inkwistjoni r-rilevanza ta' din id-domanda, u dan iktar u iktar għaliex dan il-gvern ma huwiex qiegħed jikkontesta l-applikabbiltà tal-kundizzjonijiet kif indikati mill-qorti tar-rinviju, iżda, l-iktar l-iktar, isemmi kundizzjonijiet alternattivi supplimentari li ma ssemmewx minn dik il-qorti.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li s-servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat huma eżentati mill-VAT jekk dan l-isptar ikun approvat konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għall-mard minħabba l-integrazzjoni tiegħu fil-pjan tal-isptarijiet ta' Land jew minħabba l-konklużjoni ta' kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti statutorji.

33 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, Magistrat der Stadt Wien (Ħamster komuni - II), C-357/20, EU:C:2021:881, punt 20).

34 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kliem użat sabiex jiġu indikati l-eżenzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 132 tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat b'mod strett peress li dawn l-eżenzjonijiet jikkostitwixxu derogi mill-prinċipju ġenerali li l-VAT għandha tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi magħmula bi ħlas minn persuna taxxabbli. Madankollu, l-interpretazzjoni

ta' dan il-kliem għandha tosserva r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti fis-sistema komuni tal-VAT u għandha tkun konformi mal-għanijiet imfittxija permezz tal-imsemmija eżenzjonijiet. B'hekk, din ir-regola ta' interpretazzjoni stretta ma tfissirx li l-kliem użat sabiex jiġu ddefiniti l-eżenzjonijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 132 għandu jiġi interpretat b'mod li jċaħħad lil dawn l-eżenzjonijiet mill-effetti tagħhom (sentenza tal-15 ta' April 2021, Administration de l'Enregistrement, des Domaines et de la TVA, C-846/19, EU:C:2021:277, punt 57).

35 Dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni japplikaw għall-kundizzjonijiet speċifiċi li huma meħtieġa sabiex wieħed jibbenefika mill-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 132 tad-Direttiva dwar il-VAT, u b'mod partikolari għal dawk li jirrigwardaw il-kwalità jew l-identità tal-operatur ekonomiku li jwettaq provvisti koperti minn eżenzjoni (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punt 57).

36 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-kura fi sptar u l-kura medika kif ukoll it-tranżazzjonijiet li huma marbuta mill-qrib magħhom, ipprovduti minn organi rregolati mid-dritt pubbliku jew, "skond kondizzjonijiet soċjali komparabbli" ma' dawk applikabbli għal dawn tal-aħħar, "minn sptarijiet, ċentri għat-trattament mediku jew djanjosi u stabblimenti oħrajn ta' natura simili debitament rikonoxxuti".

37 Konformement mal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, huma meħtieġa żewġ kundizzjonijiet kumulattivi sabiex is-servizzi ta' kura fi sptar, ta' kura medika kif ukoll it-tranżazzjonijiet li huma marbuta mill-qrib magħhom, offerti minn entità li ma hijiex organu rregolat mid-dritt pubbliku, ikunu jistgħu jiġu eżentati mill-VAT. L-ewwel kundizzjoni hija marbuta mas-servizzi pprovduti u tirrikjedi li dawn jitwettqu f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, Idealmed III, C-211/18, EU:C:2020:168, punti 20 u 21).

38 It-tieni kundizzjoni tirrigwarda l-kwalità tal-istabbiliment li jipprovdi dawn is-servizzi u teżiġi li l-operatur ikun sptar, ċentru ta' kura medika u ta' dijanjosi jew stabbiliment ieħor tal-istess natura debitament irrikonoxxut.

39 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar il-kompatibbiltà ma' din it-tieni kundizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż li jirriżervaw l-eżenzjoni mill-VAT għall-isptarijiet approvati abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għall-mard.

40 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, bħala prinċipju, huwa d-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi r-regoli dwar kif ir-rikonoxximent ta' stabbiliment għall-finijiet tal-għoti tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT jista' jingħata lill-istabbilimenti li jitolbu tali rikonoxximent. L-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Tali rikonoxximent ma jeħtieġx proċedura formali u ma għandux jirriżulta neċessarjament minn dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura fiskali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punt 61).

42 Meta persuna taxxabbli titlob li tibbenefika mill-kwalità ta' stabbiliment debitament irrikonoxxut fis-sens tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-awtoritajiet kompetenti għandhom josservaw il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija minn din l-aħħar dispożizzjoni billi japplikaw il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li, fil-qasam tal-VAT, huwa espress permezz tal-prinċipju ta' newtralità fiskali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu ddeterminati l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija mid-Direttiva dwar il-VAT lil Stat Membru u li għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 132(1)(b) ta' din id-direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li sptar privat ikun suġġett għall-kundizzjoni li jkun approvat konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għall-mard, li jimplika li l-imsemmi sptar ikun jew integrat fil-pjan tal-isptarijiet lokali jew ikun ikkonkluda kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti statutorji, jaqa' taħt tali limiti.

44 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat, l-ewwel, jekk ir-rekwiżit li wieħed ikun "debitament irrikonoxxut" japplikax għall-entitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT jew jekk japplikax biss għal "stabblimenti oħrajn ta' natura simili", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

45 F'dan ir-rigward, għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li, fil-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża, Portugiża, Rumena, Spanjola u Taljana tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-espressjoni "debitament rikonoxxuti" tinsab wara r-referenza għal "stabbilimenti oħrajn ta' natura simili", filwaqt li, f'verżjonijiet lingwistiċi oħra, b'mod partikolari dawk bil-Ġermaniż, bl-Ingliż u bil-Latvjan, l-espressjoni "debitament rikonoxxuti" tinsab bejn il-kliem "oħrajn" u "stabbilimenti ta' natura simili". Għaldaqstant, ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT jissuġġerixxu li huma biss l-"istabbilimenti l-oħra ta' natura simili" li huma suġġetti għar-rekwiżit li jkunu "rikonoxxuti debitament", filwaqt li verżjonijiet oħra jammettu li dan ir-rekwiżit japplika għall-kategoriji kollha ta' stabbilimenti privati msemmija f'din id-dispożizzjoni.

46 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fid-dawl tal-verżjonijiet redatti bil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea (sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Mengesteab, C-670/16, EU:C:2017:587, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma tista' tingħata prijorità fuq il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, KAHL u Roeper, C-197/20 u C-216/20, EU:C:2021:892, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'dan il-każ, sa fejn, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni, "stabbilimenti oħrajn" għandhom ikunu "ta' natura simili" bħal "sptarijiet u ċentri għat-trattament mediku jew dijanjosi", il-kundizzjoni tar-rikonoxximent ta' stabbiliment għandha tinftiehem bħala li tkopri l-istabbilimenti kollha msemmija fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT.

49 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kuntest u mill-għan tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, fir-rigward tal-kuntest tal-imsemmija dispożizzjoni, li din tinsab fil-Kapitolu 2, intitolat "Eżenzjonijet għal ċertu attivitajiet fl-interess pubbliku", tat-Titolu IX ta' din id-direttiva. Għalhekk, din l-eżenzjoni tikkonċerna l-istabbilimenti li jsegwu għanijiet ta' interess ġenerali.

51 Sussegwentement, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-servizzi ta' natura medika mwettqa bl-għan li tiġi protetta s-saħħa tal-individwi, inkluż l-għan li tinżamm u li tiġi stabbilita mill-ġdid, jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT (sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, PFC Clinic, C-91/12, EU:C:2013:198, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-għan tas-servizzi huwa rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk dawn is-servizzi humiex eżentati mill-VAT u ta' jekk l-istabbiliment ikkonċernat jaqax taħt l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT. Fil-fatt, din l-eżenzjoni hija intiża li tapplika għas-servizzi li l-għan tagħhom ikun id-djanjosi, il-kura jew il-fejqan tal-mard jew tal-anomaliji tas-saħħa jew il-protezzjoni, iż-żamma jew l-istabbiliment mill-ġdid tas-saħħa tal-persuni, iżda ma tinkludix is-servizzi li jindirizzaw għanijiet purament kożmetiċi (sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, PFC Clinic, C-91/12, EU:C:2013:198, punti 28 u 29).

53 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133 tad-Direttiva dwar il-VAT jippermetti lill-Istati Membri jissuġġettaw l-għoti tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) ta' din id-direttiva għall-osservanza ta' waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu 133. Dawn il-kundizzjonijiet jikkonċernaw l-għanijiet tal-imsemmija organi, il-ġestjoni tagħhom u l-prezzijiet applikati minnhom u jikkonċernaw l-organi privati kollha koperti mill-imsemmi Artikolu 132(1)(b).

54 Fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali li għandhom l-Istati Membri f'dan il-kuntest, kif imfakkar fil-punt 40 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżistenza tal-possibbiltà prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133 tad-Direttiva dwar il-VAT tikkorrobora l-interpretazzjoni fis-sens li d-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar kif tali rikonoxximent jista' jingħata lill-istabbilimenti li jitolbuh, anki jekk il-fatt li Stat Membru ma jkunx eżerċita din il-possibbiltà ma jaffettwax il-possibbiltà li stabbiliment jiġi rrikonoxxut għall-finijiet tal-għoti tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Dornier, C-45/01, EU:C:2003:595, punti 64 sa 66).

55 Madankollu, ir-rikonoxximent ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT ma għandux jiġi assimilat mal-awtorizzazzjoni li jitwettqu ċerti tranżazzjonijiet konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali għaliex jekk ikun hekk dan iċaħħad lill-awtoritajiet nazzjonali mis-setgħa diskrezzjonali li tagħtihom din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punt 75).

56 Minn dan isegwi li r-rikonoxximent bħala stabbiliment li jista' jiġi eżentat mill-VAT, taħt l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, jippermetti lill-Istati Membri, minn naħa, jiżguraw li jkunu biss l-istabbilimenti li jwettqu l-attivitajiet li jikkorrispondu għall-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni li jibbenefikaw minn tali eżenzjoni u, min-naħa l-oħra, jissuġġettaw il-benefiċċju tal-imsemmija eżenzjoni għall-osservanza tal-kundizzjonijiet, previsti fl-Artikolu 133 tad-Direttiva dwar il-VAT, u ma jistax, għaldaqstant, ikun limitat biss għal "stabbilimenti oħrajn" koperti mill-ewwel dispożizzjoni.

57 Fir-rigward tal-għan imfittex mill-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni hija intiża b'mod partikolari li tnaqqas l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u li tagħmel din il-kura iktar aċċessibbli għall-individwi (sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Dornier, C-45/01, EU:C:2003:595, punt 43), li jimplika wkoll l-aċċessibbiltà ta' kura ta' kwalità tajba.

58 L-għan ta' interess ġenerali mfittex minn din id-dispożizzjoni jsostni interpretazzjoni fis-sens li s-setgħa diskrezzjonali, li għandhom l-Istati Membri, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 40 ta' din is-sentenza, tirrigwarda l-istabbilimenti kollha msemmija f'din id-dispożizzjoni.

59 Barra minn hekk, tali interpretazzjoni hija konformi mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, li jipprekludi b'mod partikolari, kif imsemmi fil-punt 42 ta' din is-sentenza, li operaturi li jwettqu l-istess tranżazzjonijiet jiġu ttrattati b'mod differenti fil-qasam tal-ġbir tal-VAT (sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Dornier, C-45/01, EU:C:2003:595, punt 44).

60 Minn dan isegwi li Stat Membru jista', fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, jissuġġetta sptar privat għall-kundizzjoni li jkun "debitament rikonoxxut" sabiex is-servizzi ta' kura pprovduti minnu taħt kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku jkunu jistgħu jiġu eżentati konformement mal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT.

61 Fir-rigward, it-tieni, tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tar-rikonoxximent bħala stabbilimenti li jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-VAT, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, konformement mad-dritt tal-Unjoni u suġġetti għall-istħarriġ tal-qrati nazzjonali, jieħdu inkunsiderazzjoni diversi elementi, fosthom in-natura ta' interess ġenerali tal-attivitajiet tal-persuna taxxabbli kkonċernata, il-fatt li persuni taxxabbli oħra li jwettqu l-istess attivitajiet jibbenefikaw diġà minn rikonoxximent simili kif ukoll il-fatt li l-ispejjeż tas-servizzi inkwistjoni eventwalment jitħallsu, fil-parti l-kbira tagħhom, minn fondi għall-mard jew minn organi oħra tas-sigurtà soċjali (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 42 ta' din is-sentenza, is-setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT hija limitata mir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' newtralità fiskali.

63 Fil-fatt, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-osservanza tan-newtralità fiskali teżiġi, b'mod partikolari, li l-organi kollha li ma jkunux organi rregolati mid-dritt pubbliku jitqiegħdu f'pożizzjoni ta' ugwaljanza għall-finijiet tar-rikonoxximent tagħhom fir-rigward tal-provvista ta' servizzi simili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006, L.u.P., C-106/05, EU:C:2006:380, punt 50).

64 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, fid-dritt Ġermaniż, l-approvazzjoni ta' sptar privat, konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għall-mard, timplika li dan l-istabbiliment ikun ġie integrat fil-pjan tal-isptarijiet ta' Land jew ikkonkluda kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard jew ma' fondi sostituti statutorji.

65 B'mod partikolari, konformement mal-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż, il-Länder ifasslu pjanijiet tal-isptarijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-KHG, jiġifieri li tiġi ggarantita s-sigurtà ekonomika tal-isptarijiet sabiex tiġi żgurata lill-popolazzjoni kura ta' kwalità

għolja, iffokata fuq il-pazjent u l-ħtiġijiet tiegħu, permezz ta' sptarijiet effettivi u ta' kwalità għolja, indipendenti fuq il-livell ekonomiku, u billi jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' tariffi għall-kura raġonevoli fuq il-livell soċjali.

66 Dan il-gvern jesponi, essenzjalment, li, sabiex jikkonkludi kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti statutorji, sptar privat għandu joffri l-garanzija ta' kura fi sptar effikaċi u ekonomika, għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità deskritti b'mod iktar preċiż fil-liġi, u għandu jkun meħtieġ għall-finijiet ta' kura fi sptar adattata għall-ħtiġijiet tal-persuna assigurata. Meta jkun hemm diversi sptarijiet adegwati li jkunu kandidati għall-konklużjoni ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi ta' kura u meta jkun meħtieġ li ssir għażla, id-deċiżjoni għandha tittieħed billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interess pubbliku u d-diversità tal-istituzzjonijiet li jamministraw sptarijiet wara li jkun ġie debitament evalwat liema wieħed mill-isptarijiet jissodisfa bl-aħjar mod ir-rekwiżiti ta' kura fi sptar ta' kwalità għolja, iffokata fuq il-pazjenti u l-ħtiġijiet, effiċjenti u effikaċi.

67 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, f'dan ir-rigward, kif imsemmi fil-punt 21 ta' din is-sentenza, li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandha l-konsegwenza li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT hija possibbli biss jekk is-servizzi pprovduti mill-isptar privat inkwistjoni jissodisfaw ħtiġijiet iddefiniti fir-rigward tad-dritt tas-sigurtà soċjali. B'ħekk, fil-prattika, sptar privat ma jkollu l-ebda ċans li jiġi integrat fil-pjan tal-isptarijiet tal-Land tiegħu u lanqas li jikkonkludi kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi tal-iskema statutorja tal-assigurazzjoni għall-mard meta, fi ħdan dan il-Land, ikun hemm diġà numru suffiċjenti ta' sodod ta' sptar disponibbli għal dixxiplina medika partikolari.

68 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 111 u 112 tal-konklużjonijiet tiegħu, minn dawn l-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-organi tal-iskema statutorja tal-assigurazzjoni għal inċidenti, l-assoċjazzjonijiet tal-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard fil-livell tal-Land u l-assoċjazzjonijiet tal-fondi sostituti għandhom ċerta setgħa diskrezzjonali f'dak li jirrigwarda l-konklużjoni ta' kuntratt ma' sptar u li l-Länder ma humiex obbligati jintegraw fil-pjan tal-isptarijiet tagħhom l-isptarijiet li ma humiex sptarijiet universitarji rregolati mid-dritt privat li jwettqu tranżazzjonijiet f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku.

69 L-eżerċizzju ta' tali setgħa diskrezzjonali skont ħtiġijiet iddefiniti fir-rigward tad-dritt tas-sigurtà soċjali jista' jkollu l-konsegwenza, bi ksur tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, li sptarijiet privati komparabbli jiġu ttrattati b'mod differenti fir-rigward tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT fir-rigward tas-servizzi simili, ipprovduti taħt kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku.

70 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, billi tipprevedi li s-servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat huma eżentati mill-VAT jekk dan l-isptar ikun approvat konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għall-mard minħabba l-integrazzjoni tiegħu fil-pjan tal-isptarijiet ta' Land jew minħabba l-konklużjoni ta' kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti statutorji, twassal sabiex l-isptarijiet privati komparabbli li jipprovdu servizzi simili f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku jiġu ttrattati b'mod differenti fir-rigward tal-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

Fuq it-tieni domanda

71 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi liema huma l-elementi li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiddeterminaw jekk servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat humiex żgurati f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT.

72 Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, b'mod partikolari, jekk il-prestazzjoni tal-isptar fil-qasam tal-persunal, tal-bini u tat-tagħmir kif ukoll l-effettività ekonomika tal-amministrazzjoni tiegħu jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dan il-għan, jew jekk hemmx lok li tittieħed pożizzjoni mill-perspettiva tal-pazjent u li jitqies li l-kundizzjonijiet soċjali huma komparabbli meta l-ispejjeż tal-maġġoranza tal-pazjenti jitħallsu minn organi tas-sigurtà soċjali.

73 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT ma jiddefinixxix b'mod preċiż l-aspetti tas-servizzi ta' kura kkonċernati li għandhom jitqabblu sabiex jiġi evalwat jekk dawn is-servizzi humiex żgurati f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli u, għaldaqstant, jekk l-imsemmija dispożizzjoni hijiex applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, Idealmed III, C-211/18, EU:C:2020:168, punt 24).

74 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi bħalma huma n-natura ta' interess ġenerali tas-servizzi pprovduti, il-fatt li s-servizzi huma koperti mill-iskema ta' sigurtà soċjali jew huma pprovduti fil-kuntest ta' kuntratti konklużi ma' awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, bi prezzijiet iffissati minn dawn il-kuntratti u li l-ispejjeż tagħhom huma parzjalment imħallsa minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-imsemmi Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2010, CopyGene, C-262/08, EU:C:2010:328, punti 69 u 70, u tal-5 ta' Marzu 2020, Idealmed III, C-211/18, EU:C:2020:168, punt 32).

75 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-portata tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet soċjali komparabbli", għandu jiġi ppreċiżat, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tiegħu, li mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT jirriżulta li l-imsemmija kundizzjoni tirreferi għas-servizzi pprovduti mill-istabbiliment ikkonċernat.

76 Mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta wkoll li, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fihom is-servizzi huma pprovduti fi sptar għandhom ikunu mhux identiċi iżda komparabbli ma' dawk li fihom jiġu pprovduti s-servizzi fi stabbiliment irregolat mid-dritt pubbliku u, min-naħa l-oħra, dawn il-kundizzjonijiet għandu jkollhom natura soċjali.

77 Fit-tieni lok, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 86 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kundizzjoni dwar il-"kundizzjonijiet soċjali komparabbli" hija intiża li jiġi evitat li s-servizzi offruti mill-istabbilimenti privati jkunu eżentati meta l-imsemmija stabbilimenti ma jkunux suġġetti għal obbligi li jissodisfaw għan soċjali komparabbli ma' dawk imposti fuq l-istabbilimenti rregolati mid-dritt pubbliku.

78 Fit-tielet lok, kif tfakkar fil-punt 57 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT huwa intiż b'mod partikolari li jnaqqas l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u li jagħmel din il-kura iktar aċċessibbli għall-individwi, li jimplika wkoll l-aċċessibbiltà ta' kura ta' kwalità tajba.

79 Għaldaqstant, sabiex jiġi evalwat jekk is-servizzi tal-isptarijiet privati humiex żgurati f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk tal-istabbilimenti rregolati mid-dritt pubbliku, il-qorti tar-rinviju għandha, l-ewwel nett, tieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet, previsti fil-leġiżlazzjoni applikabbli, li għalihom huma suġġetti l-isptarijiet irregolati mid-dritt pubbliku, f'dak li jirrigwarda s-servizzi pprovduti, u li huma intiżi li jintlaħaq l-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u li jagħmlu kura ta' kwalità tajba iktar aċċessibbli għall-individwi, u li huma adatti u neċessarji għal dan il-għan.

80 Sussegwentement, mill-għan tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, kif imfakkar fil-punt 78 ta' din is-sentenza, jirriżulta li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tas-servizzi pprovduti mill-isptarijiet privati li jkollhom jitħallsu mill-pazjenti.

81 F'dan ir-rigward, kif tirrileva l-Kummissjoni Ewropea, il-kwistjoni ta' jekk it-tariffi b'rata fissa għal kull jum humiex ikkalkulati b'mod komparabbli fi sptar privat u fi sptar irregolat mid-dritt pubbliku tista' tirriżulta rilevanti. Bl-istess mod, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk is-servizzi pprovduti mill-isptarijiet privati humiex koperti mill-iskema ta' sigurtà soċjali jew abbażi ta' kuntratti konklużi mal-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, b'tali mod li l-ispejjeż li jkollhom jitħallsu mill-pazjenti jkunu ta' livell komparabbli ma' dawk sostnuti mill-pazjenti fi stabbilimenti pubbliċi.

82 Fl-aħħar nett, il-prestazzjoni tal-isptar privat, fil-qasam tal-persunal, tal-bini u tat-tagħmir, kif ukoll l-effiċjenza ekonomika tal-amministrazzjoni tiegħu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni meta l-isptarijiet irregolati mid-dritt pubbliku jkunu suġġetti għal indikaturi ta' ġestjoni komparabbli u meta dawn tal-aħħar jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq l-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u li l-kura ta' kwalità tajba tkun iktar aċċessibbli għall-individwi, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

83 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat humiex żgurati f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni, meta jkunu intiżi li jilħqu l-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u li l-kura ta' kwalità tajba tkun iktar aċċessibbli għall-individwi, il-kundizzjonijiet regolamentari applikabbli għas-servizzi pprovduti mill-isptarijiet irregolati mid-dritt pubbliku kif ukoll l-indikaturi tal-prestazzjoni ta' dan l-isptar privat fil-qasam tal-persunal, tal-bini u tat-tagħmir kif ukoll l-effiċjenza ekonomika tal-amministrazzjoni tiegħu, meta dawn l-indikaturi jkunu applikabbli wkoll għall-isptarijiet irregolati mid-dritt pubbliku. Jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-modalitajiet għall-kalkolu tat-tariffi b'rata fissa għal kull jum kif ukoll it-teħid ta' responsabbiltà għall-ħlas, taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali jew taħt kuntratti konklużi ma' awtoritajiet pubbliċi, tas-servizzi pprovduti mill-imsemmi sptar irregolat mid-dritt privat, b'tali mod li l-ispejjeż sostnuti mill-pazjent ikunu qrib dawk sostnuti, fir-rigward ta' servizzi simili, mill-pazjent ta' sptar irregolat mid-dritt pubbliku.

Fuq l-ispejjeż

84 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, billi tipprevedi li s-servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat huma eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud jekk dan l-isptar ikun approvat konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għall-mard minħabba l-integrazzjoni tiegħu fil-pjan tal-isptarijiet ta' Land jew minħabba l-konklużjoni ta' kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' kura mal-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jew mal-fondi sostituti statutorji, twassal sabiex l-isptarijiet privati komparabbli li jipprovdu servizzi simili f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku jiġu ttrattati b'mod differenti fir-rigward tal-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.**

2) **L-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat humiex żgurati f'kundizzjonijiet soċjali komparabbli ma' dawk applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni, meta jkunu intiżi li jilħqu l-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u li l-kura ta' kwalità tajba tkun iktar aċċessibbli għall-individwi, il-kundizzjonijiet regolamentari applikabbli għas-servizzi pprovduti mill-isptarijiet irregolati mid-dritt pubbliku kif ukoll l-indikaturi tal-prestazzjoni ta' dan l-isptar privat fil-qasam tal-persunal, tal-bini u tat-tagħmir kif ukoll l-effiċjenza ekonomika tal-amministrazzjoni tiegħu, meta dawn l-indikaturi jkunu applikabbli wkoll għall-isptarijiet irregolati mid-dritt pubbliku. Jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-modalitajiet għall-kalkolu tat-tariffi b'rata fissa għal kull jum kif ukoll it-teħid ta' responsabbiltà għall-ħlas, taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali jew taħt kuntratti konklużi ma' awtoritajiet pubbliċi, tas-servizzi pprovduti mill-imsemmi sptar irregolat mid-dritt privat, b'tali mod li l-ispejjeż sostnuti mill-pazjent ikunu qrib dawk sostnuti, fir-rigward ta' servizzi simili, mill-pazjent ta' sptar irregolat mid-dritt pubbliku.**

Firem